MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2004

Avviz Numru. 35/2004

**Pater Finance Co.Ltd.**

**vs**

**Meat 'n Spice Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elf, seba' mija u tnejn u ghoxrin Lira Maltin (LM1722) rappresentanti import ta' tnax (12)-il kambjala, wahda ta' sitt Liri Maltin (LM6) (bilanc) u hdax (11) ta' mija u**

**sitta u hamsin Lira Maltin (LM156)-il wahda, debitament accettati u skaduti minn Frar tas-sena 2003 sa Jannar tas-sena 2004 rispettivament u mhux imhallsa, hawn annessi bhala dokumenti numri minn 1 sa 12 konsekuttivament u inklusivament;**

**Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sad-19 ta' Jannar tas-sena 2004 jammontaw ghal erbgha u sebghin Liri Maltin (LM74), oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta, li r-rapprezentanti guridici taghha huma minn issa ngunt ghas-subizzjoni.**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fis-17 ta' Frar tas-sena 2004 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**Marica Sammut**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------